**PARLAMENT TA' MALTA**

**Mistoqsijiet Parlamentari**

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 12

L-Erbgħa, 15 ta' Lulju, 2026 fl-4:00 p.m.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### L-UNIVERSITÀ TA' MALTA – STUDENTI GRADWATI LI KELLHOM IKTAR MINN 60 SENA

**76. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li meta gradwaw mill-Università ta' Malta kellhom iktar minn 60 sena f'dawn l-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-istudenti kienu nisa, irġiel jew ta' ġeneru ieħor?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni mitluba ġiet provduta lil dan il-Parlament permezz ta' tweġiba Parlamentari għall-mistoqsija parlamentari numru 35150 tal-leġiżlatura XIV. Infurmat li ma kienx hemm żviluppi oħra wara dawn it-tweġiba Parlamentari. Infurmat li fl-aħħar 10 snin gradwaw total ta' 220 student li kellhom iktar minn 60 sena. Infurmat li fis-sena akkademika 2015/16 gradwaw total ta' sitt studenti b'Diploma, sitt studenti b'baċellerat, 10 studenti b'masters, u żewġ studenti b'Dottorat (Doctor of Philosophy/Professional Doctorate). Fis-sena 2016/17 gradwa student wieħed b'Diploma, erba' studenti b'baċellerat, student wieħed b'Ċertifikat Postgradwat, tmien studenti b'masters, u żewġ studenti b'Dottorat. Fis-sena 2017/18 gradwaw żewġ studenti b'Diploma, tlett studenti b'baċellerat, 11-il student b'masters, u żewġ studenti b'Dottorat. Fis-sena 2018/19 gradwaw sitt studenti b'Diploma, ħames studenti b'baċellerat, 12-il student b'masters, u żewġ studenti b'Dottorat. Fis-sena 2019/20 gradwaw ħames studenti b'Diploma, sitt studenti b'baċellerat, disa' studenti b'masters, u student wieħed b'Dottorat. Fil-perjodu ta' Novembru 2021 / Marzu 2022 gradwaw erba' studenti b'Diploma, żewġ studenti b'baċellerat, 15-il student b'masters, u tlett studenti b'Dottorat. Fil-perjodu ta' Novembru 2022 / Marzu 2023 gradwaw sitt studenti b'Diploma, erba' studenti b'baċellerat, 12-il student b'masters, u student wieħed b'Dottorat. Fil-perjodu ta' Novembru 2023 / Marzu 2024 gradwaw ħames studenti b'Diploma, tmien studenti b'baċellerat, 16-il student b'masters, u seba' studenti b'Dottorat. Fil-perjodu ta' Novembru 2024 / Marzu 2025 gradwaw tlett studenti b'Diploma, sitt studenti b'baċellerat, tlett studenti b'Diploma Postgradwata, tmien studenti b'masters, u żewġ studenti b'Dottorat. Fil-perjodu ta' Novembru 2025 / Marzu 2026 gradwaw erba' studenti b'Diploma, u seba' studenti b'baċellerat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

### MCAST – MATURE STUDENTS – ETÀ

**77. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid mil-liema età persuna hija kkunsidrata bħala matura u għalhekk ma jkollhiex għalfejn ikollha l-kwalifiki kollha neċessarji, skont il-proċedura tal-MCAST?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-tagħrif hu dak fit-tweġiba parlamentari 35151 tal-leġiżlatura XIV.

Seduta Numru 12
15/07/2026

### MCAST – MATURE STUDENTS

**78. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid, f'numri assoluti u persentaġġi, kemm hemm mature students (iktar avvanzati fl-età) mill-popolazzjoni studenteska tal-MCAST? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-istudenti huma nisa, irġiel jew ta' ġeneru ieħor?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li hemm 2,414 mature student. Minn dawn 1,090 huma tas-sess femminili u 1,324 tas-sess maskili.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**MCAST – POPOLAZZJONI STUDENTESKA**

**79. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid, f'numri assoluti u persentaġġi, kemm hemm studenti mill-popolazzjoni studenteska tal-MCAST li huma Maltin, studenti mill-Unjoni Ewropea u studenti barra mill-Unjoni Ewropea? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-istudenti huma nisa jew irġiel?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fl-MCAST hemm 8,281 studenta Maltin, 1,688 student li huma minn pajjiżi minn barra mill-Ewropa filwaqt li 577 student huma mill-Unjoni Ewropea. Minn dawn, 5,930 huma ta' sess maskil filwaqt li 4,616 huma ta' sess femminil.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**MCAST – MG2I – KORSIJIET**

**80. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm korsijiet offruti bħalissa mill-MG2i fl-MCAST?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li preżentement hemm 296 kors offrut mill-MG2i.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**MCAST – KORSIJIET TAL-MG2I – STUDENTI LI ATTENDEW**

**81. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li attendew korsijiet tal-MG2i fl-MCAST fl-2025?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li matul is-sena skolastika 2024 - 2025, it-total ta' studenti li attendew korsijiet tal-MG2i kien ta' 2,440.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**KONĊESSJONIJIET TA' ARTIJIET**

**191. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk dawk il-konċessjonijiet ta' artijiet li nħarġu matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026 ingħatawx permezz ta':
1. sejħa pubblika;
2. direct order;
3. negozjati diretti; jew
4. arranġamenti oħra?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**KONĊESSJONIJIET TA' ARTIJIET**

**192. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawk il-konċessjonijiet ta' artijiet li ħarġu matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026 ingħataw lil:
1. kumpaniji privati;
2. developers;
3. NGOs; jew
4. individwi privati?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**KONĊESSJONIJIET TA' ARTIJIET - VALUTAZZJONIJIET INDIPENDENTI**

**193. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarux valuations indipendenti qabel ma ġew approvati dawk il-konċessjonijiet ta' artijiet fi Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**KONĊESSJONIJIET TA' ARTIJIET - VALUTAZZJONIJIET U FTEHIMIET**

**194. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-valuations u agreements relatati ma' dawk il-konċessjonijiet li ngħataw matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**KONĊESSJONIJIET TA' ARTIJIET**

**195. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw konċessjonijiet ta' artijiet matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026 li jinvolvu art pubblika ODZ jew art li qabel kienet protetta minn żvilupp?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**KONĊESSJONIJIET TA' ARTIJIET - IMPACT ASSESSMENTS AMBJENTALI JEW INFRASTRUTTURALI**

**196. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarux impact assessments ambjentali jew infrastrutturali qabel l-approvazzjoni ta' dawk il-konċessjonijiet li ngħataw fi Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**MONITORAĠĠ JEW KURA RELATATA MAL-VISTA TAL-GĦAJNEJN – ŻGĦAŻAGĦ**

**262. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien in-numru ta' żgħażagħ bejn l-20 u l-35 sena li sena b'sena attendew b'mod regolari għall-monitoraġġ jew kura relatata mal-vista tal-għajnejn, matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

24/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 257.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**TESTIJIET TAL-VISTA, EŻAMIJIET OFTALMOLOĠIĊI JEW KURA RELATATA MAL-VISTA TAL-GĦAJNEJN –PERSUNI BEJN IS-36 U L-61 SENA**

**263. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien in-numru ta' persuni bejn is-36 u l-61 sena li attendew għall-ewwel darba għal testijiet tal-vista, eżamijiet oftalmoloġiċi jew kura relatata mal-vista tal-għajnejn, matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

24/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 257.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**MONITORAĠĠ JEW KURA RELATATA MAL-VISTA TAL-GĦAJNEJN – PERSUNI BEJN IS-36 U L-61 SENA**

**264. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien in-numru ta' persuni bejn is-36 u l-61 sena li sena b'sena attendew b'mod regolari għall-monitoraġġ jew kura relatata mal-vista tal-għajnejn, matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

24/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 257.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**TESTIJIET TAL-VISTA, EŻAMIJIET OFTALMOLOĠIĊI JEW KURA RELATATA MAL-VISTA TAL-GĦAJNEJN – ANZJANI**

**265. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien in-numru t'anzjani, 'l fuq minn 61 sena, li attendew għall-ewwel darba għal testijiet tal-vista, eżamijiet oftalmoloġiċi jew kura relatata mal-vista tal-għajnejn, matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

24/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 257.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**MONITORAĠĠ JEW KURA RELATATA MAL-VISTA TAL-GĦAJNEJN – ANZJANI**

**266. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien in-numru t'anzjani, 'l fuq minn 61 sena, li sena b'sena attendew b'mod regolari għall-monitoraġġ jew kura relatata mal-vista tal-għajnejn, matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

24/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 257.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**TA' QALI – ROTOT NUMRI 403 U 405 – PASSIĠĠIERI**

**317. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm rikbu passiġġieri minn u lejn Ta' Qali fuq ir-rotot diretti numri 403 u 405 matul dawn l-aħħar ħmistax-il ġurnata, maqsuma ġurnata b'ġurnata?

25/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-aħħar ħmistax-il ġurnata qabel it-tqegħid ta' din il-mistoqsija, ir-rotta 403 intużat minn total ta' 801 il-passiġġier, filwaqt li r-rotta 405 intużat minn total ta' 450 il-passiġġier.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**GOZO CHANNEL – FLOTTA ĠDIDA – OPPORTUNITAJIET TA' FINANZJAMENT**

**480. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-Gvern mhux qed jagħmel użu sħiħ mill-opportunitajiet ta' finanzjament offruti mis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea sabiex jiffinanzja investiment fi flotta ġdida għall-Gozo Channel?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**GOZO CHANNEL – FLOTTA ĠDIDA – PJAN**

**481. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-pjan konkret tal-Gvern, b'kronoloġija indikattiva, sabiex jinvesti fi flotta moderna, sostenibbli u effiċjenti għall-Gozo Channel?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**GOZO CHANNEL – TENDER GĦALL-PROVVISTA TA' VAPUR – KUNDIZZJONIJIET**

**482. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kundizzjonijiet tas-sejħa għall-offerti (tender) għall-provvista ta' vapur għall-Gozo Channel?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**IL-VAPUR NIKOLAUS – MANUTENZJONI**

**483. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba l-vapur Nikolaus daħal fid-Dockyard għall-manutenzjoni, kemm kienet l-ispiża ta' kull manutenzjoni, u min ħallas għal din l-ispiża? Jista' jagħti ukoll is-sena ta' meta saret kull manutenzjoni?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**KERĊEM – AKKWATI TAL-GĦADIRA – INSTALLAZZJONI TA' DISPENSERS TAN-NEW WATER**

**484. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx ħsieb li jsir investiment fl-installazzjoni ta' dispensers addizzjonali tan-New Water fl-akkwati tal-Għadira, ġewwa Kerċem, Għawdex u jekk iva, tista' tagħti timelines speċifiċi?

30/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddejja b'investiment kontinwu biex tkompli tkabbar u tifrex aktar is-sistema tan-New Water, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Bħalissa għaddejja bil-ħidma biex jitkabbar l-impjant ta' produzzjoni, li sussegwentement għandu jwassal biex l-ammont ta' New Water jirdoppja fi żmien tliet snin. Għaddejja wkoll b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex biex jitħejja pjan għal tkabbir fin-network u d-dispensers relatati man-New Water matul dan l-istess perjodu.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**KERĊEM – MAIN DISPENSER TAN-NEW WATER – ĦSARAT**

**485. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid għalfejn il-main dispenser tan-New Water f'Kerċem, Għawdex, aktar ma jkunx qed jaħdem milli jkun operattiv, b'mod partikolari matul l-eqqel tal-istaġun tas-sajf? Tista' tgħid ukoll għalfejn qed iseħħu ħsarat kontinwi f'dan id-dispenser u għalfejn, minkejja li jiġu rranġati, jerġa' jinqala' l-istess difett ftit taż-żmien wara?

30/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-ħsara li kien hemm fid-dispenser issewwiet u qed jopera b'mod normali.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**712. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill- Onor. Interpellant jirreferi għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari Nru 704.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**713. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tagħha, u jekk iva, telenkahom u tindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 704.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**MINISTERU GĦALL-FINANZI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**714. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-PQ 704.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**715. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor Interpellant jirreferi għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari Nru 704.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, L-IPPJANAR U X-XOGĦOL – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**716. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari Nru 704.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**717. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor Interpellant jirreferi għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari Nru 704.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**TA' QALI – CONCERT AREA – AVVENIMENTI**

**899. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid liema avvenimenti saru fil-concert area l-ġdida f'Ta' Qali minn meta nfetħet sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex tagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**TA' QALI – CONCERT AREA – AVVENIMENTI**

**900. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema avvenimenti saru fil-concert area l-ġdida f'Ta' Qali minn meta nfetħet sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**SAN ĠILJAN – PJAZZA BALLUTA – ĦAJT TA' SOSTENN**

**901. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Fid-dawl li fi Pjazza Balluta ġewwa San Ġiljan, il-ħajt ta' sostenn jinsab fi stat ta' deterjorament serju u f'partijiet minnu diġà ċeda u b'hekk qed joħloq riskju għas-sigurtà kemm għar-residenti, il-pedestrians kif ukoll is-sewwieqa, tista' l-Ministru tgħid jekk hux se tittieħed azzjoni u jekk iva, sa meta se jitranġa?

03/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan li kellu laqgħa mal-bennej u li x-xogħol huwa previst li jibda fi żmien qrib.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**KUNSILLI LOKALI – ATTIVITAJIET TRADIZZJONALI – ĦLAS GĦAS-SERVIZZ TAT-TINDIF**

**902. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx xi policy jew struzzjoni li tistabbilixxi li kunsill lokali jista' jitlob ħlas mingħand parroċċa għas-servizz tat-tindif għall-attivitajiet tradizzjonali tal-lokal ta' dik il-parroċċa? Jekk m'hemmx policy jew struzzjoni, tista' tgħid ukoll jekk din hijiex fid-diskrezzjoni ta' kull kunsill lokali individwalment?

03/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninsab infurmata li m'hemmx policy ċentrali dwar ħlasijiet lill-Kunsilli Lokali għal servizzi ta' tindif. Il-prassi normali hija li jkun hemm koordinazzjoni bejn il-parroċċa u l-għaqdiet biex f'każ ta' attivitajiet, il-Kunsill jikkoordina t-tindif flimkien ma' kuntratturi jew mad-Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ VILLABATE, TRIQ IT-TELLIERA U TRIQ SANT' ANTNIN – 'PUBLIC URBAN OPEN SPACE'**

**903. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jindika b'mod ċar x'pjanijiet hemm għall-porzjon tal-art bejn Triq Villabate, Triq it-Telliera u Triq Sant' Antnin ġewwa Ħaż-Żabbar, li skont l-pjanti lokali tal-Awtorità tal-Ippjanar hija indikata bħala 'Public Urban Open Space'?

03/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 136.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**INFRASTRUCTURE MALTA – XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**904. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li kull kunsill lokali f'Malta u Għawdex talab lill-Infrastructure Malta biex isir xogħol fihom?

03/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Aġenzija għaddejja b'taħditiet mal-Kunsilli Lokali kollha biex isir pjan ta' xogħol ta' toroq residenzjali f'kull lokalità. Ix-xogħolijiet jikkonsistu f'bini tat-triq mill-ġdid, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, it-tisħiħ tas-sottobażi eżistenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa. Ix-xogħol jibda skont l-esiġenzi tat-toroq li l-Kunsill Lokali jipproponi. Dawn id-diskussjonijiet għaddejjin b'mod kontinwu u għaldaqstant il-listi finali għadhom mhux definiti minħabba li l-prijoritajiet tal-kunsilli lokali kif ukoll tal-esiġenzi infrastrutturali li jinbidlu minn żmien għal żmien.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**SAN VINCENZ DE PAULE – LISTA TA' STENNIJA – ANZJANI FL-ISPTAR KARIN GRECH**

**1017. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm anzjani fl-Isptar Karin Grech jistennew biex jidħlu fir-Residenza San Vincenz De Paule?

07/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 1020 ta' din is-Seduta.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**SAN VINCENZ DE PAULE – LISTA TA' STENNIJA – ANZJANI FIL-KOMUNITÀ**

**1018. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm anzjani fil-komunità jistennew biex jidħlu fir-Residenza San Vincenz de Paule? Jista' jgħid ukoll kemm hemm anzjani meqjusa fil-Kategorija 1 (urġenti) u kemm hemm anzjani meqjusa fil-Kategorija 2 (inqas urġenti)?

07/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 23 anzjan fil-komunità li qed jistenna biex jidħol ġewwa San Vinċenz de Paul u li huma kollha f'Kategorija 1.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**SAN VINCENZ DE PAULE – LISTA TA' STENNIJA – ANZJANI FL-ISPTAR MATER DEI**

**1019. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm anzjani fl-Isptar Mater Dei jistennew biex jidħlu fir-Residenza San Vincenz de Paule? Jista' jgħid ukoll kemm hemm anzjani meqjusa fil-Kategorija 1 (urġenti) u kemm hemm anzjani meqjusa fil-Kategorija 2 (inqas urġenti)?

07/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 49 pazjent fl-Isptar Mater Dei li qed jistenna biex jidħol fir-Residenza San Vinċenz de Paule, liema pazjenti huma kollha f'Kategorija 1.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**SAN VINCENZ DE PAULE – LISTA TA' STENNIJA – ANZJANI FL-ISPTAR KARIN GRECH**

**1020. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm anzjani fl-Isptar Karin Grech jistennew biex jidħlu fir-Residenza San Vincenz de Paule? Jista' jgħid ukoll kemm hemm anzjani meqjusa fil-Kategorija 1 (urġenti) u kemm hemm anzjani meqjusa fil-Kategorija 2 (inqas urġenti)?

07/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-Isptar Karin Grech hemm 17-il pazjent jistenna sabiex jidħol fir-Residenza San Vinċenz de Paule, liema pazjenti huma kollha f'Kategorija 1.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**SAN VINCENZ DE PAULE – THERAPEUTIC PETTING FARM AND RECREATION CENTRE**

**1021. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm anzjani jżuru kuljum it-Therapeutic Petting Farm and Recreation Centre fil-Faċilità San Vincenz de Paule?

07/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma tinżammx statistika dwar l-għadd ta' persuni li jżuru Razzett l-Hena, li huwa r-Razzett Terapewtiku f'San Vinċenz de Paul, iżda dan il-post qed jattira numru sostanzjali ta' viżitaturi fosthom residenti, qraba u impjegati.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**ANZJANI LI SPIĊĊAW HOMELESS – SENA 2025**

**1022. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il anzjan spiċċa homeless fis-sena 2025? Jista' jgħid ukoll x'servizz ġie offrut mill-Gvern?

07/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-Mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**IS-SERVIZZ PUBBLIKU – IMPJIEGI – PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**1043. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 835 u jgħid kemm persuni b'diżabilità huma impjegati fis-Servizz Pubbliku u x'miżuri qed jittieħdu biex jiżdiedu l-opportunitajiet ta' impjieg għalihom?

08/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont informazzjoni li għandha Jobsplus, fl-aħħar ta` Jannar 2026, in-numru ta' persuni b'diżabilità li kienu impjegati fis-Servizz Pubbliku (Ministeri u d-Dipartimenti tal-Gvern) kien ta' 1,035.
Ninforma ukoll lill-Onor. li Jobsplus u l-Fondazzjoni Lino Spiteri joffru servizzi u skemi biex jassistu persuni b'diżabilità jintegraw fuq il-post tax-xogħol inkluż fis-settur pubbliku.
Dawn huma:
• VASTE II Programme – programm li huwa iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew Plus jipprovdi assessjar multidixxiplinari, taħriġ bħal Programm Sheltered Employment Training (taħriġ li jipprovdi taħriġ assistit għall-persuni b' diżabilità l-aktar severa bl'għan li jtejbu l-ħiliet tagħhom għad-dinja tax-xogħol), job-coaching, mentoring u gwida personalizzata u appoġġ kontinwu lil persuni b'diżabilità tul il-proċess ta' tfittxija u żamma tal-impjieg.
• Bridging the Gap Scheme – skema li toffri esperjenza u taħriġ prattiku fuq il-post tax- xogħol lill-persuni b'diżabilità u gruppi vulnerabbli oħra. Din l-iskema tgħin lill-parteċipanti jiksbu tagħrif, kapaċitajiet u kompetenzi li huma bżonjużi biex jinstab u jinżamm l-impjieg. Matul il-perjodu miftiehem, il-persuni jingħataw għotja fil-ġimgħa minn Jobsplus, ekwivalenti għal 80% tal-paga minima nazzjonali. L-għan aħħari huwa li l-persuna b' diżabilità tiġi impjegata wara t-tmiem ta' din l-iskema.
F'każ li s-settur pubbliku jkun jixtieq iħaddem persuni b'diżabilità, Jobsplus flimkien mal-Fondazzjoni Lino Spiteri, jassistu fil- proċess tal-għażla billi jirreferu persuni b'diżabilità li jkunu qed jirreġistraw għax-xogħol għall-post vakanti.
Dawn l-iskemi/servizzi huma prinċipalment maħsuba biex jiffaċilitaw l-impjieg fis-suq tax-xogħol.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**PERSUNI IMPJEGATI F'MALTA**

**1044. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 836 u jgħid kemm-il persuna hija impjegata f'Malta sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma bejn ċittadini Maltin, ċittadini tal-Unjoni Ewropea u ċittadini ta' pajjiżi terzi?

08/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**PERSUNI LI ĦARĠU MIS-SUQ TAX-XOGĦOL – SENA 2024**

**1045. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 837 u jgħid kemm-il persuna ħarġet mis-suq tax-xogħol matul is-sena 2024, maqsuma skont il-kawża ewlenija, inkluż irtirar, emigrazzjoni u raġunijiet oħra?

08/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Korporazzjoni rċeviet 104,299 formola ta' tmiem ta' impjieg matul is-sena 2024. Persuna tista' jkollha aktar minn tmiem ta' impjieg wieħed matul l-istess sena.
In-numru ta' persuni li kellhom mill-inqas tmiem ta' impjieg wieħed fl-2024 kien ta' 87,270. Minn dawn, 50,262 reġgħu kienu attivi fis-suq tax-xogħol sal-aħħar tas-sena 2024, filwaqt li 37,008 temmew l-impjieg u ma kienux attivi fis-suq tax-xogħol fl-aħħar tal-2024.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**PERSUNI LI ĦARĠU MIS-SUQ TAX-XOGĦOL – SENA 2025**

**1046. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 838 u jgħid kemm-il persuna ħarġet mis-suq tax-xogħol matul is-sena 2025, maqsuma skont il-kawża ewlenija, inkluż irtirar, emigrazzjoni u raġunijiet oħra?

08/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Korporazzjoni rċeviet 96,586 formola ta' tmiem ta' impjieg matul is-sena 2025. Persuna tista' jkollha aktar minn tmiem ta' impjieg wieħed matul l-istess sena.
In-numru ta' persuni li kellhom mill-inqas tmiem ta' impjieg wieħed fl-2025 kien ta' 80,603. Minn dawn, 48,350 reġgħu kienu attivi fis-suq tax-xogħol sal-aħħar tas-sena 2025, filwaqt li 32,253 temmew l-impjieg u ma kienux attiv fis-suq tax-xogħol fl-aħħar tal-2025.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**PERSUNI LI ĦARĠU MIS-SUQ TAX-XOGĦOL – SENA 2026**

**1047. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 839 u jgħid kemm-il persuna ħarġet mis-suq tax-xogħol fl-2026, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont il-kawża ewlenija, inkluż irtirar, emigrazzjoni u raġunijiet oħra?

08/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Korporazzjoni rċeviet 41,068 formola ta' tmiem ta' impjieg sal-aħħar ta' Ġunju 2026. Persuna tista' jkollha aktar minn tmiem ta' impjieg wieħed matul l-istess sena.
In-numru ta' persuni li kellhom mill-inqas tmiem ta' impjieg wieħed f'dawn ix-xhur tal-2026 kien ta' 37,214. Minn dawn, 20,317 reġgħu kienu attivi fis-suq tax-xogħol sal-aħħar ta' Ġunju 2026, filwaqt li 16,897 ma jidhrux attivi fis-suq tax-xogħol.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**MFHEA - ISTITUZZJONIJIET LIĊENZJATI**

**1069. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm istituzzjonijiet liċenzjati mill-Awtorità ta' Malta għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) li mistennija jkollhom ibiddlu jew jadattaw il-mudell edukattiv tagħhom sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda dwar it-tagħlim online u blended?

08/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Komunikazzjoni MFHEA/04/2026 maħruġa mill-Awtorità ta' Malta għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) ma tapplikax għal istituzzjonijiet li kienu diġà liċenzjati mill-MFHEA jew għal applikazzjonijiet li l-proċess inizjali ta' liċenzjar tagħhom kien diġà beda. Għaldaqstant l-ebda istituzzjoni li kienet diġà liċenzjata mhi mistennija tibdel jew taddatta l-mudell edukattiv tagħha bħala riżultat ta’ din il-komunikazzjoni.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**TAGĦLIM ONLINE U BLENDED - APPOĠĠ LILL-ISTITUZZJONIJIET**

**1070. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista’ l-Ministru jgħid jekk il-Gvern hux ser jipprovdi xi forma ta’ appoġġ tekniku jew finanzjarju lill-istituzzjonijiet affettwati sabiex jimplimentaw ir-rekwiżiti l-ġodda dwar it-tagħlim online u blended?

08/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li dawn il-miżuri ma japplikawx għal istituzzjonijiet li diġà huma liċenzjati jew għal applikazzjonijiet li l-proċess inizjali ta' liċenzjar tagħhom kien diġà beda.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**TAGĦLIM ONLINE U BLENDED - VALUTAZZJONI TAL-IMPATT FUQ IL-KOMPETITTIVITÀ**

**1071. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista’ l-Ministru jgħid jekk saritx valutazzjoni tal-impatt li r-regolamenti l-ġodda dwar it-tagħlim online u blended jistgħu jkollhom fuq il-kompetittività ta’ Malta bħala ċentru internazzjonali għall-edukazzjoni terzjarja? Jekk iva, jista’ jqiegħed kopja ta’ din il-valutazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra?

08/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li jekk din il-mistoqsija parlamentari tirreferi għall-Komunikazzjoni MFHEA/04/2026, din ma introduċietx regoli ġodda, iżda spjegat b'mod aktar ċar kif l-Awtorità ta' Malta għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) ser tapplika l-liġijiet u r-regoli li diġà jeżistu għall-applikazzjonijiet ġodda ta' istituzzjonijiet kompletament online.
Din il-pożizzjoni hija bbażata fuq ir-responsabbiltajiet legali tal-MFHEA u tqis ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tar-reviżjoni tal-ENQA tal-2024, li enfasizzat il-ħtieġa li jkomplu jissaħħu l-kwalità u s-sorveljanza tas-settur.
Il-Komunikazzjoni tapplika biss għal applikazzjonijiet ġodda u ma taffettwax istituzzjonijiet li diġà għandhom liċenzja jew dawk li l-proċess tal-liċenzja tagħhom kien diġà beda. L-għan huwa li jinżammu standards għoljin ta' kwalità u tkompli tissaħħaħ ir-reputazzjoni ta' Malta bħala ċentru ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**PROGRAMMI ONLINE JEW BLENDED - ISTITUZZJONIJIET ĠODDA - LIĊENZJI**

**1072. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista’ l-Ministru jgħid kemm-il istituzzjoni ġdida applikat għal liċenzja biex toffri programmi online jew blended matul l-2025 u l-2026, u kemm minn dawn ġew approvati, miċħuda jew għadhom pendenti?

08/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni hija kif qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**MFHEA - ISTITUZZJONIJIET EŻISTENTI - PJAN TA' TRANŻIZZJONI**

**1073. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità ta' Malta għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) għandhiex pjan ta' tranżizzjoni għall-istituzzjonijiet eżistenti sabiex jiġi evitat li studenti li diġà jinsabu reġistrati jiġu affettwati mir-regolamenti l-ġodda dwar it-tagħlim online u blended?

08/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li l-ebda student irreġistrat mhu ser jiġi affettwat, hekk kif li din il-komunikazzjoni ma timponix rekwiżiti ġodda fuq istituzzjonijiet li kienu diġà liċenzjati mill-MFHEA u ma għandhiex effett retroattiv fuq liċenzji jew programmi eżistenti.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**FOND RELATAT MAL-ĦOLQIEN TA' SENSORY ROOMS – GĦARFIEN – MIŻURI**

**1086. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jittieħdu sabiex jiżdied l-għarfien dwar il-fond relatat mal-ħolqien ta' sensory rooms u sabiex il-familji eleġibbli jkunu infurmati dwar l-għajnuna disponibbli u l-mod kif jistgħu japplikaw għalih?

08/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed jittieħdu diversi miżuri sabiex jiżdied l-għarfien dwar il-fond relatat mal-ħolqien ta' *sensory rooms* u sabiex il-familji eleġibbli jkunu infurmati dwar l-għajnuna disponibbli. Dawn jinkludu t-tixrid ta' informazzjoni permezz tal-websajt u l-mezzi ta' komunikazzjoni tal-Ministeru u tal-entitajiet kkonċernati, kif ukoll permezz ta' ħidma ta' informazzjoni u gwida mogħtija direttament lill-pubbliku.
Barra minn hekk, qed isiru inizjattivi ta' outreach permezz tal-parteċipazzjoni fi programmi televiżivi, f'ċentri tal-anzjani, mal-kunsilli lokali u fi ħdan diversi għaqdiet volontarji (NGOs), bil-għan li jinxtered aktar tagħrif fost il-pubbliku inġenerali dwar din l-iskema, il-benefiċċji tagħha u l-kriterji ta' eliġibilità.
Il-familji li jistgħu jkunu eleġibbli qed jiġu mgħarrfa wkoll dwar il-proċess tal-applikazzjoni sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-għajnuna disponibbli. Fejn meħtieġ, qed tingħata assistenza matul il-proċess tal-applikazzjoni biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-fond.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**BLUE PARKING SPACES – APPROVAZZJONIJIET**

**1109. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew approvati blue parking spaces bejn Jannar 2025 u Ġunju 2026, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll kif dawn il-blue parking spaces huma maqsuma skont il-lokalitajiet differenti?

08/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**BLUE BADGE – APPROVAZZJONIJIET**

**1110. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 503, jista' l-Ministru jaqsam l-informazzjoni f'tabella numru 1 skont jekk dawn il-blue badges inħarġux għall-ewwel darba, sarilhomx tiġdid jew sar stampar mill-ġdid ta' Blue Badges irrappurtati bħala mitlufa jew imkagħbra?

08/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**TFAL U ŻGĦAŻAGĦ BL-AWTIŻMU - GĦAŻLIET EDUKATTIVI**

**1111. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jindika x'għażliet edukattivi u ta' appoġġ huma disponibbli għal tfal u żgħażagħ bl-awtiżmu wara li jtemmu kemm l-iskola primarja, kif ukoll wara l-livell sekondarju?

08/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li l-istudenti bl-awtiżmu jkomplu bil-vjaġġ edukattiv tagħhom skont il-każ. Ħafna studenti jkomplu jibbenefikaw mill-għażliet edukattivi li huma disponibbli fil-mainstream, filwaqt li skejjel u ċentri oħra f'livelli primarji u sekondarji huma dawn li ġejjin:

· Inspire – School Outreach Programme
· SGPC, Guardian Angel Secondary School, Ħamrun
· SBC, Helen Keller Sec. & Post Sec. School, Qrendi
· Gozo College, Sannat Special Unit, Sannat
· Inspire – LinC
· Hand in Hand
· Reach Units fl-iskejjel mainstream Medji u Sekondarji
· Life Map Pembroke
· SNC, Dun Manwel Attard School, Wardija
· Youth .Inc – Aġenzija Żgħażagħ
· Award in Vocational Skills - MCAST
· Foundation in Hospitality and Tourism - ITS
· Sheltered Employability Training (S.E.T.) - Lino Spiteri Foundation
· Headstart - Jobsplus
· Servizzi oħra that Aġenzija Sapport u entitajiet oħra

Seduta Numru 12
15/07/2026

**TFAL U ŻGĦAŻAGĦ BL-AWTIŻMU - GĦAŻLIET EDUKATTIVI - INFORMAZZJONI AĊĊESSIBBLI GĦAL ĠENITURI**

**1112. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kif il-ġenituri jistgħu jiksbu informazzjoni ċara u aġġornata dwar x'għażliet edukattivi u ta' appoġġ huma disponibbli għal tfal u żgħażagħ bl-awtiżmu, inklużi skejjel, programmi edukattivi, servizzi speċjalizzati u opportunitajiet ta' transizzjoni għall-ħajja adulta?

08/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li l-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport jipprovdi informazzjoni u gwida lill-ġenituri dwar l-għażliet edukattivi u s-servizzi ta' appoġġ disponibbli għal tfal u żgħażagħ bl-awtiżmu permezz tal-iskejjel u s-servizzi edukattivi relevanti.
Matul il-vjaġġ edukattiv tal-istudent, il-ġenituri jingħataw informazzjoni u gwida skont il-bżonnijiet individwali tal-uliedhom, inkluż dwar l-għażliet edukattivi, is-servizzi ta' appoġġ, programmi speċjalizzati u, fejn applikabbli, il-proċess ta' transizzjoni għal fażijiet edukattivi jew opportunitajiet oħra wara l-edukazzjoni obbligatorja.
Il-Ministeru jkompli jaħdem sabiex il-ġenituri jkollhom aċċess għal informazzjoni aġġornata u appoġġ xieraq, bil-għan li jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati fl-aħjar interess tat-tfal u ż-żgħażagħ tagħhom. B'rabta ma' dan nirreferi lill-Onorevoli Interpellant ukoll għal tweġiba 1113.

Seduta Numru 12
15/07/2026

## TFAL B'DIŻABILITÀ - GĦAŻLIET EDUKATTIVI - INFORMAZZJONI AĊĊESSIBBLI GĦAL ĠENITURI

**1113. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jindika jekk teżistix pjattaforma fejn il-ġenituri ta' tfal b'diżabilità jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali jistgħu jsibu l-informazzjoni kollha b'mod faċli u aċċessibbli?

08/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li permezz tal-pjattaforma mychild.gov.mt wieħed isib ħafna informazzjoni. Ninsab infurmat ukoll li hemm pjan li fil-website tad-dipartiment tal-edukazzjoni inklussiva issir sezzjoni ta' informazzjoni iktar dettaljata.
Minbarra dan ninsab infurmat ukoll li l-ħtiġijiet partikolari tal-istudenti jiġu indirizzati bi pjan individwali mill-LSE, il-Kap jew Deputat Kap tal-Iskola, flimkien mal-Kap tad-Dipartiment tal-Inklużjoni u fejn hemm bżonn professjonisti oħra sabiex tingħata l-informazzjoni personalizzata skond il-bżonnijiet individwali tal-istudenti.

Seduta Numru 12
15/07/2026

## SAN PAWL IL-BAĦAR - MAĦRAS TA' TABIBU

**1116. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 926 u jgħid jekk sarx rapport tekniku jew stħarriġ strutturali dwar il-kundizzjoni tal-Maħras ta' Tabibu, f'San Pawl il-Baħar? Jekk iva, meta sar u x'kienu l-konklużjonijiet tiegħu?

09/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** L-informazzjoni tingħata fis-seduti li ġejjin.

Seduta Numru 12
15/07/2026

## INFRASTRUCTURE MALTA – PROĠETTI

**1130. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 840, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija għal kull proġett li għaddej bħalissa minn Infrastructure Malta, u ċjoè; sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex tingħabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**RAĦAL ĠDID – TRIQ TAL-BORG U T-TOROQ TAL-MADWAR – QTUGĦ TA’ DAWL**

**1133. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 577 fejn intqal li “fil-perjodu indikat fil-mistoqsija ma kien hemm l-ebda ħsara reġistrata, imma kien hemm tliet okkażjonijiet fejn kellu jsir xogħol ta’ manutenzjoni li kien ippjanat u l-konsumaturi ġew notifikati minn qabel”, apparti kemm-il darba sar xogħol ta’ manutenzjoni, tista' l-Ministru tgħid kemm-il darba nqata' s-servizz lill-konsumaturi fi Triq tal-Borg, f’Raħal Ġdid u t-toroq tal-madwar, fil-perjodu msemmi?

09/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif spjegajt fit-tweġiba li tajtu għall-mistoqsija parlamentari 577, ninsab infurmata li kien hemm tliet okkażjonijiet fejn s-servizz ġie sospiż minħabba xogħol ta’ manutenzjoni li kien ippjanat minn qabel.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**KUMITAT TAL-INFURZAR – MEMBRI**

**1134. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 26 u tenut kont li d-dispożizzjonijiet tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.41 huma in vigore, jista’ l-Ministru jgħid għalfejn il-membri tal-Kumitat tal-Infurzar ma ġewx appuntati, tenut kont li tista’ tqum kwistjoni li tesiġi l-intervent tal-istess kumitat?

09/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f’dan l-istadju m’għandi xejn aktar xi nżid mar-risposta għall-interpellanza nru 26 li t-tweġiba tagħha ngħatat fit-30 ta’ Ġunju, jiġifieri ġimgħatejn ilu.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**TOBBA, NURSES U AHP - RIŻENJI**

**1150. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm irriżenjaw tobba, infermiera, Allied Health Professionals (AHP) f'kull grad, mis-settur pubbliku bejn Jannar u Ġunju 2026, maqsuma xahar b'xahar?

09/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**POYC - ĦALIB PAEDIASURE - DATA TA’ SKADENZA**

**1151. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex il-ħalib PaediaSure li tqassam mill-POYC matul Lulju 2026 kellu data ta’ skadenza ta’ 07/2026 meta l-pazjenti normalment jingħataw provvista li tkun maħsuba biex isservihom għal xahrejn?

09/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**BLUE BADGE HOLDERS**

**1152. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu l-ammont ta' blue badge holders preżentement u taqsam din l-informazzjoni skont is-sess? Tista' tgħid ukoll x'inhi l-età ta' dawn il-persuni?

09/07/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li preżentement hemm 13,670 detentur tal-Blue Badge. Din iċ-ċifra hija mqassma skont is-sess u l-età tad-detenturi fit-tabella t'hawn taħt.

| **Age Breakdown** | **M** | **F** | **X** | **Total** |
|---|---|---|---|---|
| **0–17** | 860 | 351 | 0 | 1,211 |
| **18–29** | 283 | 161 | 2 | 446 |
| **30–34** | 120 | 94 | 0 | 214 |
| **35–44** | 308 | 226 | 1 | 535 |
| **45–59** | 709 | 720 | 0 | 1,429 |
| **60–64** | 508 | 408 | 0 | 916 |
| **65–74** | 1,686 | 1,361 | 0 | 3,047 |
| **75+** | 2,944 | 2,927 | 1 | 5,872 |
| **Total** | **7,418** | **6,248** | **4** | **13,670** |

Seduta Numru 12
15/07/2026

**BLUE PARKING BAYS**

**1153. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna preżentement għandha parkeġġ riservat (blue parking bay) skont id-data li għandha Transport Malta? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-parkeġġi huma personalizzati (bin-number plate jew bin-numru tar-reġistrazzjoni tal-blue badge) u kemm minn dawn mhumiex personalizzati u jaqsam din l-informazzjoni skont is-sess (irġiel, nisa, eċċ.) u skont l-età?

09/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**CRPD – ĠBIR TA' BLUE BADGES FOLOZ**

**1154. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm inġabru blue badges foloz mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) matul is-snin 2023, 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/07/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella hawn taħt:

| Sena | Kemm inġabru Blue Badges foloz |
|---|---|
| 2023 | 123 |
| 2024 | 53 |
| 2025 | 73 |
| 2026 (sal-ġurnata li qiegħda titwieġeb din il-mistoqsija) | 9 |

Seduta Numru 12
15/07/2026

**ARMS - METER READERS**

**1156. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm meter readers impjegati mal-ARMS, kemm minnhom huma stabbiliti f'Malta u kemm minnhom huma stabbiliti f'Għawdex?

10/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li bħalissa hemm 34 impjegat li jagħmlu xogħol ta' meter readers, b'wieħed stabbilit f'Għawdex. Infurmata wkoll li meta jkun hemm il-ħtieġa, jintbagħtu meter readers minn Malta biex jassistu fil-ġbir tal-qari f'Għawdex.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**TA' QALI - PARK NAZZJONALI - ŻONA TAL-KUNĊERTI - XOGĦLIJIET**

**1157. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm saru xogħlijiet fiż-Żona tal-Kunċerti fil-Park Nazzjonali f'Ta' Qali minn meta ġiet inawgurata f'Mejju 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' tgħid ukoll fiex kienu jikkonsistu dawn ix-xogħlijiet, kemm kienet l-ispiża tagħhom u għaliex kien meħtieġ li jsiru?

10/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor Interpellant li t-tweġiba se tkun qed tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**TA' QALI - PARK NAZZJONALI - ŻONA TAL-KUNĊERTI - XOGĦLIJIET**

**1158. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru xogħlijiet fiż-Żona tal-Kunċerti fil-Park Nazzjonali f'Ta' Qali minn meta ġiet inawgurata f'Mejju 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll fiex kienu jikkonsistu dawn ix-xogħlijiet, kemm kienet l-ispiża tagħhom u għaliex kien meħtieġ li jsiru?

10/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta ma wettqitx xogħlijiet fiż-Żona tal-Kunċerti.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**POPOLAZZJONI - ŻIEDA JEW TNAQQIS**

**1159. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm il-Gvern qed jipproġetta li se tikber (jew tiċkien) il-popolazzjoni ta' Malta sal-aħħar ta' kull sena bejn l-2026 u l-2030, meta mqabbla mal-aħħar ċifra uffiċjali disponibbli tal-popolazzjoni, maqsuma sena b'sena, kemm f'termini ta' numru ta' persuni kif ukoll f'termini perċentwali?

10/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-popolazzjoni ta' pajjiżna llum qegħda fl-istatistika uffiċjali li tinsab fid-dominju pubbliku. L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ma jippubblikax proġezzjonijiet nazzjonali tal-popolazzjoni għal Malta.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**SKEJJEL F'LIVELL PRIMARJU – MULTI-SENSORY ROOMS**

**1172. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk l-iskejjel f'livell primarju li għandhom multi-sensory room? Jista' jgħid ukoll liema huma dawk l-iskejjel fil-livell primarju li hu ppjanat li jkollhom multi-sensory room fil-futur?

10/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li l-kunċett tal-multi-sensory rooms, qed jiġi ikkumplimentat b'dak tal-calming spaces, bil-għan li jinħolqu ambjenti edukattivi aktar inklussivi u sensittivi għall-bżonnijiet differenti tal-istudenti.
Il-calming spaces jipprovdu opportunità lill-istudenti biex jieħdu ftit ħin barra mill-klassi meta jkollhom bżonn jirregolaw l-emozzjonijiet tagħhom, inaqqsu l-istress jew jerġgħu jiffukaw fuq it-tagħlim.
Il-Ministeru qed jinvesti b'mod attiv f'dawn l-ispazji anke permezz tal-programm EduInfrastructure, sabiex aktar skejjel ikollhom faċilitajiet adattati għall-benesseri tal-istudenti. Dawn l-ispazji jistgħu jinħolqu kemm ġewwa kif ukoll barra mill-bini tal-iskola, għalkemm qed inħeġġu b'mod partikolari l-iżvilupp ta' outdoor calming spaces li joffru l-benefiċċji addizzjonali tal-kuntatt man-natura u ambjent aktar rilassanti.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**IL-BELT VICTORIA – OFFERTA GĦALL-BELT KAPITALI TAL-KULTURA 2031**

**1183. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus s'issa għall-offerta tal-Belt Victoria bħala l-Belt Kapitali tal-Kultura 2031? Jista' jgħid ukoll:
i. kemm huma mħallsa l-membri tal-Fondazzjoni;
ii. kemm tħallas l-Artistic Director; u
iii. kemm hemm konsulenti involuti fl-offerta u kemm huma mħallsa?

10/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex tagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**SKRAPPJAR TA' VETTURI ELETTRIĊI**

**1184. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'inhu l-proċess jew proċessi f'pajjiżna biex wieħed jiddisponi/jiskrappja vettura elettrika? Tista' tgħid ukoll xi ħlasijiet tinvolvi, liema awtoritajiet huma konċernati u jekk hemmx xi forma ta' riċiklar/esportazzjoni tal-partijiet li jikkomponuha?

10/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**SKRAPPJAR TA' VETTURI ELETTRIĊI**

**1185. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-proċess jew proċessi f'pajjiżna biex wieħed jiddisponi/jiskrappja vettura elettrika? Jista' jgħid ukoll xi ħlasijiet tinvolvi, liema awtoritajiet huma konċernati u jekk hemmx xi forma ta' riċiklar/esportazzjoni tal-partijiet li jikkomponuha?

10/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**ERA – DISPOŻIZZJONI TA' SKART TA' KOSTRUZZJONI FIL-BAĦAR – PERMESSI**

**1186. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk bħalissa hemmx permessi fis-seħħ mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għal dispożizzjoni ta' skart ta' kostruzzjoni fil-baħar, u jekk iva liema huma?

10/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fil-preżent hemm ħames (5) permessi ambjentali validi għal rimi ta' skart ta' kostruzzjoni fil-baħar. Qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni relatata.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**MALTEMPATA HARRY – SKEMA TA' GĦAJNUNA GĦAS-SAJJIEDA MALTIN**

**1193. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar l-iskema ta' għajnuna li kienet tħabbret għas-sajjieda Maltin b'rabta mal-ħsarat li ġarrbu fuq l-opri tal-baħar, kawża tal-Maltempata Harry?

10/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Kif jaf l-Onor. Interpellant il-qasam tas-sajd jaqa taħt il-mansjoni ta' Ministeru ieħor, għaldaqstant nistiednu jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

**MALTEMPATA HARRY – SKEMA TA' GĦAJNUNA GĦAS-SAJJIEDA MALTIN**

**1194. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar l-iskema ta' għajnuna li kienet tħabbret għas-sajjieda Maltin b'rabta mal-ħsarat li ġarrbu fuq l-opri tal-baħar, kawża tal-Maltempata Harry?

10/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat

Seduta Numru 12
15/07/2026

**MALTEMPATA HARRY – SKEMA TA' GĦAJNUNA GĦAS-SAJJIEDA MALTIN**

**1195. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar l-iskema ta' għajnuna li kienet tħabbret għas-sajjieda Maltin b'rabta mal-ħsarat li ġarrbu fuq l-opri tal-baħar, kawża tal-Maltempata Harry?

10/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 12
15/07/2026

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

### MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – KAROZZI – SPIŻA ANNWALI

**W108. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tipprovdi l-ispiża annwali ta' kull karozza (GM) fil-ministeru tagħha u jekk dawn huma mixtrija, tista' tgħid kemm kienu jiswew meta nxtraw?

22/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fil-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir hemm żewġ karozzi (GM) li huma mikrijin f'konformità mal-proċeduri ta' akkwist pubbliku.

Seduta Numru 5
30/06/2026